

Programm tal- Festi Solenni li jsiru
fil-Parroċċa ta' l-Imqabba f'ġieħ
SANTA MARIJA
Patruna tar-Raħal
mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1988

# PROFESSIONAL VIDEO SERVICES FOR ALL OCCASIONS



**SPECIALISTS IN WEDDINGS, ENGAGEMENTS, SPORT EVENTS AND OTHER SOCIAL ACTIVITIES.**

**PROFESSIONAL MULTI-CAMERA-MIXED-VISION SERVICES AVAILABLE FOR BIG EVENTS LIKE FASHION SHOWS, FESTIVALS, TALENT SHOWS AND COMMERCIALS**

tele movie
video services

Head Office:

**OXFORD PHOTO STUDIO,**
**7, PAOLA SQUARE**
**PAOLA — TEL: 228069**

*THINK WISE — CHOOSE THE BEST*

# KING GEORGE V BAND CLUB MQABBA

## KUMITAT 1988

**PRESIDENT ONORARJU**
Leonard Farrugia

**PRESIDENT**
Joe Farrugia

**VIĊI-PRESIDENT**
Peter Psaila

**SEGRETARJU**
Reno Sciberas

**ASST. SEGRETARJU**
David Camilleri

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASST. KAXXIER**
Carmel Zahra

**MEMBRI**

Nicholas Cassar
Paul Gauci
Carmel Ellul
John Galea

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A. Mus., L.C.M., O.S.T.J.

**ASST. DIRETTUR TAL-BANDA**
Twanny Camilleri

**DELEGATI TAL-BANDA**
John Galea
Twanny Camilleri

**RAPPREZENTANT FIL-BAND CLUB ASSOCIATION**
Carmel Briffa

**DELEGATI TAN-NAR**
Reno Sciberras
Nicholas Cassar

SCICLUNA FLORIST



Garden Centre
Bronja Street
Żurrieq
Tel: 829621

For:... Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...

Ta' l-Għoli

MARBLE & GRANITE
WORKS

Josmik, GGE, Old Valletta Road, Imqabba
Tel:683096

Għal Xogħol ta' Turġien,
Uċuħ tal-Kċejjen, Pavimenti
u Skirting

Preżżijiet Raġonevoli Ħafna

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Ħadd ma' jista jiċħad li kull festa li tiġi ċelebrata hija parti essenżjali mill-ħajja tal-parroċċa. U meta tqis li fir-raħal tagħna jsiru mhux inqas min ħames festi fis-sena akkumpanjati mill-purċissjoni, kollha ad unur tal-Madonna taħt titoli differenti, allura tasal biex tgħid ukoll li mhux biss kull festa, iżda iżjed u iżjed l-istess Marija hija l-Ħajja tal-Parroċċa.

Iżda bħal kull ħaġa ħajja, il-parroċċa għandha wkoll il-polz li jimmarka kif qed tħabbat il-qalb - il-qalb li kontinwament tiġbed u tinbotta d-demm fil-ġisem biex dan iżomm b'saħħtu u jibqa' jaħdem.

Pero ma' nistgħux ngħidu li l-ġisem huwa dejjem b'saħħtu għax il-qalb hija b'saħħitha. Għaliex fil-ġisem tista' ssib membru marradi jew għajjien li għandu bżonn kura speċjali. Jekk napplikaw dan għall-parroċċa tagħna, naraw li Marija SSma hija il-Qalb li kontinwament tippompja Grazzji kbar fuq ir-raħal tagħna biex tkompli ssaħħaħ fina lkoll il-Fidi f'Binha Ġesù u tkabbar l-imħabba tagħna lejHa u lejn xulxin.

M'għandna ebda dubju li l-QALB (Marija) hija b'saħħitha. Xi ngħidu iżda għall-bqija tal-ġisem - IL-PARROĊĊA. Hija kollha b'saħħitha, jew ġhandek issib xi membru (ftit jew ħafna) għajjien jew marradi bl-għira, bil-pika, bl-indifferenza lejn il-Madonna, lejn is-Sagramenti tal-Qrar/Tqarbin, jekk mhux ukoll bil-mibegħda?

Il-polz tal-parroċċa li fiż-żewġ festi prinċipali tagħna jarma jgħaġġel ferm iżjed minn normal jitkejjel minn hawn:

a) kemm minna jħarsu lejn il-festa bħala okkazjoni speċjali, iżda mhux unika, biex jersqu għall-Qrar u t-Tqarbin?

b) il-festa qed tgħini biex ningħaqad iżjed mal-familja u mal-bqija tal-Parroċċa - jew il-kuntrarju?

c) il-festa ta' min hi? Tiegħi biex ingawdiha kif jidhirli jien u addio Madonna u Knisja, jew ta' Marija u Tiegħi għax insir nafHa iżjed u allura nixtieq ngħix il-virtujiet tagħHa aħjar?

d) x'taħseb li jagħmel il-festa ddedikata lil Marija Assunta vera festa? It-tiżjin tat-toroq/knisja/nar - m'hemmx dubju li dawn huma lkoll sbieħ jekk safja mill-għira u l-pika - jew inkella, flimkien ma' dawn, iżda fuq kollox, is-safa tar-ruħ, l-imħabba u d-devozzjoni lejHa u lejn xulxin?

Ħuti Mqabbin, ejjew din il-festa li timmarka l-għeluq tas-Sena Marjana mnidija mill-Papa presenti, nagħmulha VERA FESTA kif trida HI, li tħobb lilek, lili u lil kulħadd indaqs, u mhux kif trida INT li forsi tista' tħobb lilek innifsek biss mingħajr ma taf.

Kulħadd jaf li biex tintrama l-Knisja u jiżżejjnu it-toroq tagħna, tintuża ħafna enerġija ta' kull sena minn ħafna nies. Marija ma tieħux ġost tara tant enerġija moħlija. Marija Assunta trid li din l-enerġija kollha tkun strument li tgħaqqad, tferraħ u tkabbar l-imħabba tagħna lejn dak kollu li hu qaddis u lejn xulxin.

Dan kollu, jiena u sħabi saċerdoti, nixtiquh minn qalbna lilek u lill-parroċċa kollha. Iżda jekk int tixtieq xi ħaġa totalment differenti minn hekk għax tara valur biss fl-estern, allura int membru għajjien u għandek bżonn tal-kura. Itlob iżjed u Marija tgħinek żgur,

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

*Fr. Willie*
*Kappillan*

M&F ALUMINIUM

Manufacturers Of:
ALUMINIUM DOORS
WINDOWS
GATES
STAIRS
AND OTHER
DESIGNED WORK

St. Marija Garages
(A&B) Zurrieq Rd, Imqabba

Kif ukoll
Balavostri
tal-Gebel
u Suffetti
tal-Plastic

**Sta. Marija Garages**
**(A & B) Żurrieq Rd., Imqabba**

TEL: 683405

# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI

## DIAL: 605504

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.
Kif ukoll:

- Silencers għal karozzi kollha
- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalità ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ.

# AĦNA FAMILJA WAĦDA



Għeżież Membri u Partitarji,

Huwa unur tiegħi li għal darb'oħra, permezz ta' dan il-ktejjeb, qiegħed naqsam ħsibijieti magħkom. Ħsibt biex għal din is-sena nagħtikom aktar stampa ċara tal-ħidma kontinwa fi ħdan il-kumitat, sabiex sew is-Soċjeta' tagħna u l-Festa tant għażiża għalina jkomplu jkattru fil-popolarita u l-prestiġju li wirtu mingħand missirijietna.

Is-Socjeta' tagħna hija familja ħajja, u għalhekk jeħtieġ min imantniha u jieħu ħsiebha ħalli tkompli tiġi 'l quddiem. Hawn fejn jidħol is-sehem tal-kumiat mgħejjun min kull wieħed u waħda minna bħala membri u partitarji, sabiex inkunu nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li aħna wlied denji ta' din il-familja.

Matul din is-sena, sew iċ-ċirkostanżi kif wkoll il-programm li fassalna fil-kumitat ppermettew lil din il-familja tkun aktar attiva. Jekk nimxu bl-ordni kronoloġiku nsibu illi ftit wara l-Festa preċedenti, nbeda x-xogħol ta' restawr fuq l-armar ta' Parish Street, u komplejna l-isfumatura fuq is-sett bandalori ġodda tal-pjazza, biex b'hekk tlestew għal kollox. Fl-istess waqt, inbeda x-xogħol ta' l-estenżjoni tal-każin permeżż ta' bini ta' sala ġdida għall-kunċerti u li fil-mument tinstab fi stadju avvanzat.

Ma nistax ma nsemmix l-isfuduċja unamina li wrejna fir-rigward tar-riżultat tal-konkors tat-tiżjin tal-faċċati tal-każini għall-festi tal-Milied. Kien riżultat ingust u degradanti, intiż sabiex iħammeġ isem is-Soċjeta' tagħna. Użajna d-diplomazija u d-dixxiplina, ġbidna ħabel wieħed billi nsejna l-kulur politiku tagħna, u ta' dan nixtieq nirringrazzja lil kulħadd. Hekk għadna nġibu ruħna billi ninsew kull pregudizzji li jistgħu jifirduna u b'hekk inkunu qegħdin inpoġġu l-interessi tas-Soċjeta' tagħna l-ewwel u qabel kollox.

M'għandniex xi ngħidu, il-bandisti flimkien mas-surmast ukoll ippreparaw bis-sħiħ matul is-sena sabiex jagħtuna programm varjat u sett ta' marċi ġodda, liema sett ġie rrekordjat għand Boffa Ltd. Minn din il-paġna nixtieq nagħmel appell speċjali ħalli tibagħtu 'l-uliedkom jitgħallmu l-mużika u b'hekk inkunu qegħdin nilħqu wieħed mill-għanijiet prinċipali li għalih twaqqfet is-Soċjeta' tagħna. Grazzi kbir imur għas-Surmast u l-bandisti tagħna li kienu. għadhom u jibqgħu, kif jgħid il-Malti "il-mimmi t'għajnejna'.

F'kull familja ssib lil min jagħmel ħaġa u min jagħmel oħra, iżda lkoll għal skop wieħed. Għalhekk, anki n-nisa u x-xebbiet taw sehemhom billi organizzaw diversi attivitajiet soċjali matul is-sena bħala 'fund raising' għall-festa. Id-dilettanti tan-nar ukoll ħasbu minn żmien sewwa qabel biex bix-xogħol tagħhom isebbħu l-Festa u jagħtuna dawk il-kuluri tradizzjonali Maltin.

Kif tistgħu taraw, l-attivita' fi ħdan din il-familja ma naqset qatt: imiss issa li npoġġu fil-prattika dak li nkunu ħdimna għalih is-sena kollha. Għalhekk, ejjew inkomplu nahdmu id f'id, nifirħu flimkien mal-Banda tagħna u mal-baned mistiedna, imma fl-istess ħin nuru li aħna ambaxxaturi tal-paċi, speċjalment f'din is-Sena Marjana, biex hekk wara l-jiem tal-Festa nħossu s-sodisfazzjon li tant inkunu ħdimna flimkien għalih bħala familja waħda.

**Grazzi ħafna u nawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd**

***Joe Farrugia***
***President***


SAN PAOLO
ROSSO
SAN PAOLO
BIANCO
White Wine
The Marsovin Winery
MALTA
SAN PAOLO
L-Inbid tal-Ħbieb

# Il-MESSAĠĠ TAS-SEGRETARJU



Il-Festa ta' Santa Marija reggħet waslet u l-Banda Re Ġorġ V kif ukoll is-Soċjeta' tagħna jinsabu lesti biex isarrfu sena ħidma u li dan xejn anqas mis-snin ta' qabel ikun ta' ġieħ lill-Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Għal dawk li s-sena kollha jippreparaw, il-ferħ ta' dawn iż-żminijiet ifisser kontinwazzjoni ta' ħidma bla waqfien biex isir l-aħħar sforz sabiex kollox jirnexxi b'suċcess. Għal dawk li jaħdmu s-sena kollha bil-ħsieb uniku f'moħħhom li jagħtu ġieħ lill-Madonna b'dak li jippreparaw, f'dawn iż-żminijiet jibku bil-ferħ li ġgib magħha l-Festa ta' Santa Marija. U propju b'dan il-ħsieb f'moħħi u bl-għajnuna tal-Maħbuba Padruna tagħna, nasal biex inwettaq dmiri f'din is-Socjeta' u nissielet ma' dak kollu li wieħed jista' jimmaġina fil-kariga okkupata minni.

Bosta huma dawk li jaħdmu matul is-sena kollha biex ikabbru dejjem iżjed l-atmosfera tal-festa speċjalment dawk id-dilettanti tal-Każin li jqattgħu ħafna jew kważi il-ħin liberu kollu tagħhom sabiex jirranġaw fejn ikun hemm bżonn, jew iżidu xi opra ġdida fil-każin. Irrid nieħu l-okkazjoni biex f'isem is-Soċjeta', nirringrazzja lil grupp partitarji nisa li b'sagrifiċċju għall-familja tagħhom, jieħdu ħsieb il-ġbir fid-djar matul is-sena kif ukoll jieħdu ħsieb jorganizzaw diversi attivitajiet. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk l-individwi li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom ta' matul is-sena biex b'sogru kbir għall-ħajja tagħhom, jaħdmu dak il-kwalita' ta' nar sabiħ li jkompli jkabbar u jsebbaħ il-Festa ta' Santa Marija. Ma rridx ninsa wkoll lill-Bandisti tal-lokal li ta' kull ġimgħa, Sajf u Xitwa, jilqgħu s-sejħa li ssirilhom mid-Direttur tal-Banda biex flimkien iħejju tajjeb għall-mużika li titħejja għal dawn iż-żminijiet tal-Festa. Ma rridx ninsa nfakkar ukoll lil xi soċi u partitarji i s-sena l-oħra gawdew magħna l-Festa u din is-sena m'humiex ser igawduha għaliex m'għadhomx magħna. Nitolbu 'l Alla jagħtihom il-Mistrieħ fis-Saltna tiegħu.

Kulħadd jaf li l-ispejjes għall-Festa jikbru kull sena. Għalhekk nagħmel appell lill-partitarji sabiex jibqgħu jikkontribwixxu mill-aħjar li jistgħu ħalli l-Festa ta' Santa Marija tibqa' dejjem tikber bħala l-Festa tat-Titular. Il-Kontribuzzjonijiet ġenerużi tagħkom ma naqsu qatt u hekk ukoll nittama li jkunu din is-sena. Jiena għan-nom tal-Kumitat nirringrazzjakom, minn qalbi. Din is-sena ser ikomplu jiżżanżnu xi pavaljuni ġodda għal Triq San Basilju u l-bandalori li ġew imżanżana s-sena l-oħra tlestew minn kollox bl-isfumar fihom. Hemm il-ħsieb li s-sena d-dieħla isiru sett pavaljuni ġodda għal Triq San Basilju. Fil-Każin inbniet ukoll sala fuq il-kamra tal-Billiard. Kieku mhux għax niittamaw fil-ġenerożita' tal-partitarji u tal-membri tas-Soċjeta', kieku ma jkunx possibli li jiżżanżnu affarijiet ġodda.

Għaldaqstant inħossu d-dover tiegħi bħala Segretarju tas-Socjeta' li nagħmel appell sinċier lil kulħadd biex l-iskop li għalih isir il-Festa ma jintilifx sabiex b'hekk is-Soċjeta' tagħna tkun tista' żżomm l-isem tagħha għoli, kif ukoll tagħti ġieħ lil Ommna Marija taħt it-titlu ta' l-Assunta, kemm matul is-sena u aktar u aktar fil-ġranet tal-Festa ta' Santa Marija.

Nixtieq il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

Viva Santa Marija

***Reno Sciberras***
***Segretarju***

## JOE BELLIZZI

"EL PARADISO"
MATTEOLA SALIBA
STREET
ŻURRIEQ
TEL: 824519
(Bjeb ma' bieb ma'
Baldacchino Woodworks)

**Jekk għandek bżonn Insurance għall- Karozza, Dar, Ħanut, eċċ.,**

**jew jekk waslet biex tagħlaqlek l-INSURANCE li diġà għandek, tista' tħallasha għand:**

## *BABYLAND*

Dun Pawl Street,
Luqa

Stockist of :-
- Toys
- Push-Chairs
- Play-pens
- Baby Foods
- Cosmetics

*Everything for the Mother-to-be*

## FIRES BUTCHER

**għall-aħjar qatgħa laħam frisk u tal-friza**

**Mingħand il-Fires Butcher tkun moqdi żgur**

**40 Church Square,
Imqabba
Tel: 683690**

## FRIDA TRANSPORT SERVICE

**By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860**

**Għal kull xorta ta' transport**

**Irrikkorru**

**"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba**

# APPELL MILL-KAXXIER



Reġa' wasal ix-xahar t'Awissu li fih wieħed iħoss dak il-ferħ u l-entużjasmu għaliex waslet il-festa tant mistennija tat-Titular u l-Patruna ta' l-Imqabbin: It-Tlugħ ta' Ommna Marija fis-sema.

L-appuntament ta' kull sena mal-festa tagħna għandu jġib miegħu ferħ u mħabba lejn il-Madonna. Il-festa għandha tkun okkazzjoni sabiex nersqu iżjed lejn xulxin u nżidu l-ħbiberija ta' bejnietna.

Il-festa ta' kull sena tirrikjedi ħafna xogħol, bħal ngħidu aħna kunċerti tal-Banda, armar u logħob tan-nar. Għal festa ta' din is-sena sar recording ta' Sett Marċi ġodda għand Boffa Studios. Tkompla x-xogħol ta' ħjata fuq il-Pavaljuni, sar l-isfumar tal-bandalori u beda x-xogħol fuq ir-restawr ta' l-armar tat-Triq tan-Nofs. Barra dawn l-affarijiet tkompla x-xogħol fil-Każin fejn ġiet mibnija s-Sala ta' ġewwa li ser isservi għall-kunċerti tal-Banda.

Naturalment dan ix-xogħol sar u qiegħed isir bl-għajnuna tas-Soċi u partitarji, kemm irġiel kif ukoll nisa li bl-għajnuna ġeneruża tagħhom, kemm finanzjarja kif ukoll manwali qiegħdin jgħinuna mmexxu s-Soċjeta' King George V u l-festa ta' Santa Marija 'l quddiem. Hawn ta' min isemmi l-Kumitat Sezzjoni Nisa li jgħamlu ħafna xogħol siewi għas-Soċjeta'. Hjar ħaqqhom ukoll id-dilettanti tan-nar li ta' kull sena jistinkaw sabiex ikomplu jkabbru l-festa tagħna u fl-aħħar iżda mhux l-inqas lis-Surmast Direttur, lill-Assistent Surmast u l-Bandisti li wkoll ilhom jippreparaw is-sena kollha għal din il-festa.

Nagħlaq billi nappella lil kulħadd speċjalment lil partitarji sabiex fl-arbular tal-festa jkunu ġenerużi ħalli bħas-snin li għaddew ikollna festa sabiha li tixraq lil Marija Assunta, Ommna l-Imqabbin.

Nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

***Carmel Briffa***
***Kaxxier.***

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering




# BLOKRETE LTD.

MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.



FOR WALLING AND ROOFING

AND PAVING

IN PRECAST AND PRESTRESSED CONCRETE

DIAL: 441850/445461
TELEX: FENEK 978 MW.

# Festa Aktar Speċjali



Bil-għajnuna ta' Alla wasalna għal Festa oħra ta' Santa Marija, Partuna ta' l-Imqabba u ta' pajjiżna. Din is-sena il-Festa tant mistennija hi waħda aktar speċjali mis-soltu: f'dan il-jum tagħlaq is-Sena Marjana ordnata mill-Papa, li bdiet f'Ġunju tas-sena l-oħra.

Għalhekk issa hu ż-żmien tajjeb biex kull wieħed/waħda minna jagħmlu eżami tal-kuxjenza dwar id-devozzjoni vera li għandna lejn il-Verġni Mdaqqsa Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja. Il-Festa tar-raħal tagħna f'ġieh Santa Marija titlob preparazzjoni kbira, imma minn dan kollu ħaga waħda tibqa' l-aqwa: kif ninsab quddiem Alla? Lil Alla u 'l Ommu l-għażiża m'hux biżżejjed li nonorawhom bix-xufftejn! Imissna nidħlu ftit fina nfusna qabel il-Festa u nistaqsu lilna nfusna: lil Ġesù u lil Ommu sirt inħobbhom xi ftit iżjed mis-sena l-oħra? Jew, forsi, mort lura? Lill-proxxmu tiegħi nħobb lil kulħadd mill-aħjar li nista'? Inkella hemm xi ħadd li ma nġerrgħux, forsi nobogħdu? X'kienu jagħmlu kieku kienu minfloki Ġesù u Marija? Lil Alla ma nistgħux inħobbuH bis-serjeta' jekk ma nħobbux daqshekk ieħor lill-proxxmu tagħna kollu, hu min hu...

Din il-festa ta' Santa Marija fis-Sena Marjana għad nibqgħu niftakruħa jekk nuru progress fl-imħabba lejn Alla li ma narawx u lejn il-proxxmu li naraw madwarna.

Għalija din il-Festa ta' Santa Marija li biha tagħlaq is-Sena Marjana diġà għandha tifsira speċjali li ma ninsieha qatt. Fl-aħħar ġranet ta' Mejju ħadt verament gost insir naf illi bil-ktieb tiegħi dwar Ġesù fl-Art Imqaddsa li jismu "Ejjew u Taraw", irbaħt il-"Premju Letterarju" għas-sena 1988. Biex tagħqad, dan sirt nafu jumejn biss wara li ppreżentajt lill-Aġent President tar-Repubblika. kopja ta'ktieb ġdid jixbaħ lill-ieħor; ktieb dwar il-Madonna bl-isem sabiħ "Il-Mara li Alla Ħabb".

Alla ħabbha tassew lil Marija ta' Nażaret minħabba fina lkoll! Lilha għażel biex issir Omm Ibnu l-għażiż li ħabbha sal-mewt tas-Salib. Dan il-ktieb dwar "Il-Mara li Alla Ħabb", swieli ħafna xogħol, imma tani pjaċir kbir għax sab laqgħa tajba ferm bħala tifkira tas-Sena Marjana fi ħdan il-familji u l-gruppi tat-talb. F'dan il-ktieb fakkart il-festi kollha tal-Madonna mifruxin mas-sena, kif ridt ukoll inżejnu bi 28 stampa bil-kulur u bl-iswed għax lil din il-mara kull nisel isejħilha "ħienja" u " imbierka fost in-nisa" !

J.M.Ghigo S.J.

# FRIZOLL

MANUFACTURERS OF
COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT
**PAOLA HILL**
**PAOLA**

**FOR ESTIMATES & MAINTENANCE**
**PHONE: 806866/824388**



## CONNIE'S BAZAAR
(Wara l-Knisja)

Fejn issibu:
Fajjenza, Affarijiet tad-Dar,
Affarijiet tal-Ħjata u Knitting,
Ħwejjeġ għat-Tfal u l-Kbar,
Toys u ħafna affarijiet oħra.
Għal dak li jkun jonqoskom
f'darkom aslu wasla sa:



## CONNIE'S BAZAAR
(Wara l-Knisja)



# LINDA STORES

MONS. P.P. SAYDON STR.,
ŻURRIEQ
TEL: 827215

*Għal dak kollu li tiġi bżonn biex tarma darek,*
*l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - ŻURRIEQ*
*hemm issibu:*
*Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronż*
*Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines,*
*Mixers, etc.*
*Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.*
*Kollox bi prezzijiet imraħħsa.*
*Ħlas bin-nifs aċċettat.*

# Fl-Okkazjoni tas-Sena Marjana



# Marija il-Mudell Tagħna

Sa mill-bidu nett insibu li Alla wiegħed li jibgħat is-Salvatur. Fil-Genesi nsibu wkoll li Alla qal lis-serp. "...u Jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-Mara, bejn nislek u bejn Nisilha, u Hu jisħaqlek rasek u int tgħattanlu għarqubu."

Dan kollu juri li Alla kellu jibgħat lil Ibnu l-Waħdieni permess ta' mara. Anki l-Profeta Isaija jgħid; "Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u semmih Ghimmanu-el, Alla magħna..." Marija ta' Nazzaret kienet il-Verġni. Kellha lil Ġesù bis-saħħa ta' l-Ispirtu s-Santu kif insibu fl-Evanġelu ta' San Luqa li wara li l-Madonna staqsietu, "Kif ikun dan la jiena Verġni", L-Anġlu Gabriel weġibha u qalilha, "L-Ispirtu s-Santu jiġi Fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha Fuqek..." Marija kienet xebba umli. Ma qagħdetx tiftaħar għax kien se jkollha lil Dak li kellu jifdi lid-dinja. Anzi Hi stess malli semgħet li l-qariba tagħha Santa Elizabetta kien se jkollha Iben, marret biex tgħinnha.

Marija kienet veru Omm. Kienet tħobb ħafna lil Ġesù u saħansitra batiet minħabba Fih l-aktar meta marru jipprezentawH fit-tempju u Xmun qal dik il-profezija. Marija kienet safja. Hekk tgħallimna l-Knisja. Twieldet bla ebda dnub. Anke l-Madonna stess, meta dehret lil Bernardetta qaltilha, "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni." Marija Hija s-simbolu tal-Purita' ta' l-Umilita' kif ukoll ta' l-Ubbidjenza. Naraw kif baqgħet tittama fil-Mulej għalkemm qatlulha l-Binha l-Wahdieni, anżi qatluħ bl-aħrax mewta, mislub ma' salib. Marija Bint Sant'Anna u San Gwakkin minn Nazzaret ġiet Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem. Il-knisja tiċċelebra Festi lill-Madonna. Kull nisrani għandu jgħid ir-Ruzarju għax il-Madonna stess qalet lit-tfal ta' Fatima, "Għidu ħafna Ruzarju". Kull nisrani għandu jimxi fuq l-ezempju ta' Marija għax Hi l-veru Mudell għall-ħajjitna.

***Antoine Sciberras***

# E. CATANIA WOOD CARVING

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura

*MORRU GĦAND*
*MANWEL CATANIA*

SHOWROOM
"Odyssey"
Bronja Street
Żurrieq

WORKSHOP
Odssey Garage
Alexander Street
Żurrieq



*Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.*
*Tel: 682137*

INNU MARĊ"

# L-ISBAĦ JUM

( jitkanta mat-Trio tal-Marċ "Ta' Ġori )

VIVA, l-Ħmistax t'Awissu:
Festa Kbira għall-Maltin, u kullimkien;
VIVA, l-Għid ta' l-Assunta:
L-isbaħ Jum iddedikat lil Omm minn tagħna;
Aħna, ilkoll magħquda,
Biex flimkien niċċelebraw dan l-egħeżez jum:
Għalhekk ingħaqdu magħna,
Flimkien mal-Banda tagħna,
Ħa ngħidu: "VIVA L-ISBAĦ JUM"

Twanny Camilleri
7. 5. 88


## CEMENT MIXED

**Supplies all types of concrete mix**



**ĦAL FARRUĠ ROAD**
**MQABBA**

**Tel: 284520 - 682268 - 284539**

# Marija Assunta fit-Toroq ta' l-Imqabba

*Minn Tony Terrible*

Bħal f'kull belt u raħal f'dawn il-gżejjer, fl-Imqabba, insibu numru sabiħ ta' niċeċ u statwi fit-toroq. Irnexxieli niġbor ir-ritratti ta' 29 waħda fosthom 11-il waħda tal-Madonna. Kif inhu xieraq minn dawn in-niċeċ tal-Madonna, 7 minnhom huma ddedikati lil Marija Assunta, Padruna tal-Parroċċa. F'din id-dawra tagħna se naraw flimkien dawn in-niċeċ ta' l-Assunta.

L-ewwel waħda insibuha fuq dar Nr. 107 Triq il-Parroċċa. Hi niċċa bi stil tassew oriġinali. Fuq kull naħa ta' l-istatwa naraw pilastru u kontro pilastru li dawn jingħaqdu permezz ta' kuruna skulturata fil-ġebel. Fuq kull naħa tan-niċċa naraw piramida. L-istatwa ta' l-Assunta, hi twila, b'idejha miftuħa u hi mqegħda fuq pedestall. Meta wieħed jifliha sew jinduna li għandha xogħol irfinut fil-ġebla. Quddiemha għandha brazz bid-dawl, xhieda li fl-imgħoddi kellha min jieħu ħsiebha sew.

Fl-istess Triq il-Parroċċa fuq dar Nru. 10, niltaqgħu ma' niċċa oħra f'ġieħ l-Assunta. Hi niċċa mżejna b'pilastru u kontro pilastru fuq kull naħa, li fuqhom jitla' frontispiżju. Hi niċċa arzellata li fiha naraw statwa artistika ta' l-Assunta. Mad-daqqa t'għajn lejha, b'mod speċjali min-naħa tax-xellug, wieħed mill-ewwel jinduna li hi xogħol mgħallem tas-sengħa. Il-Madonna tidher bil-wieqfa b'idha waħda 'l fuq u l-oħra l-isfel u taħtha naraw bħal glodu tas–sħab. Fuq l-istess naħa tax-xellug, naraw ukoll anġlu zgħir.

Statwa oħra ta' Marija Assunta insibuha fil-faċċata tal-Każin tal-Banda King George V. Din l-istatwa, għolja madwar tlett metri, saret b'ħidma kbira ta' Lorenzo Ellul biex tfakkar id-Domma ta' Marija Assunta u ġiet imqegħda f'postha fit-22 ta' Ġunju 1952. Hi xogħol artistiku ta' l-iskultur Marco Montebello u hi statwa li tidher tiddomina sew dan il-każin.



In-Niċċa ta' l-Assunta li tinsab fl-isqaq ma' ġemb tal-Knisja

Viċin dan il-każin, fi sqaq fuq ġemb tal-knisja naraw niċċa żgħira ta' l-Assunta. Mhix niċċa qadima wisq. Hi mżejna b'pilastru fuq kull naħa iżda ħaġa kurjuza f'dawn il-pilastri hi kif l-imgħallem m'għamilx il-gwarniċa fit-tarf ta' fuq tal-pilastri iżda ftit l-isfel. Din mhix tagħti dehra sabiħa lil dawn il-pilastri. Iżda jekk in-niċċa fiha dan id-difett u hi nieqsa minn ċerta irfinar ta' xogħol, ma nistgħux ngħidu l-istess ħaġa għall-istatwa. Lil Madonna narawha b'idjha t-tnejn mgħollijin 'l fuq bil-mant tagħha imtajjar. Fuq ix-xellug naraw bħal kolonna ta' sħab li fuqha qed tistrieħ il-Madonna. Tidher li hi statwa magħmula minn skultur tajjeb.

Fuq in-naħa l-oħra viċin id-dar tal-kappillan, naraw statwa oħra ta' Marija Assunta, mgħollija 'l fuq, fuq kolonna tal-ġebel u mdawra b'kanċell tal-ħadid. Il-kolonna fiha disinn sempliċi iżda eleganti. Mix-xifer tal-bażi, l-erba' xewkiet tal-faċċati, huma iffaċetjati u jdur nofs tond fuq in-naħa t'isfel. Fil-vojt tan-nofs naraw kuruna tar-rand skultu-

rata fil-ġebel u fil-vojt tal-panewijiet tal-kolonna naraw skulturati l-armi tal-Madonna. tal-Papa Piju XII u ta' l-Arċisqof Gonzi, b'tifkira tad-Domma ta' l-Assunta. L-istatwa għalkemm nieqsa minn ċertu moviment, hi statwa devota sew man-nies.

Fuq dar Nru. 17 Triq Santa Katerina niltaqgħu ma' niċċa qadima ta' Santa Marija. Bla dubju, hi waħda mill-eqdem niċeċ li nsibu f'dan ir-raħal. Bħala niċċa tikkonsisti fi kwadru maqtugħ fil-ħajt b'niċċa li tispiċċa nofs tond. Il-Madonna tidher b'ħaristha lejn il-lemin u b'idha l-leminija fuq sidirha. Iżda l-oħra tidher ħierġa minn taht il-mantell. Ħdejn saqajha naraw erba' irjus ta' anġli. Fiha xogħol medjokru iżda wiċċ il-Madonna hu espressiv. Hi niċċa li għadha tgawdi l-karateristika tagħha billi qatt ma ġiet mimsusa biż-żebgħa.

L-aħħar niċċa li se nitkellmu dwarha illum m'għadhiex teżisti, għaliex tneħħiet ftit tas-snin ilu meta infetħet triq. Din kienet tinsab fuq dar Nru. 6 Pjazza tal-Knisja. Kienet waħda mil-isbaħ u l-ikbar niċċeċ fl-Imqabba. Kellha still tassew artistiku. Kienet imżejna b'kolonna u pilastru fuq kull naħa li fuqhom idur friz u gwarniċun wiesa. Fuq il-wiesa tal-kollonni kien hemm frontispisju ffurmat minn żewġ skrataċ doppji u fuq il-pilastru kien jitilgħu par fjammi. Din in-niċċa, għolja 11-il fillata kienet qed tistrieħ fuq gwarniċa wiesa li kienet imżejna bi skultura barokka. F'nofsha kien hemm irħama li tfakkar li l-Isqof Mattei kien ta' ingulġenzi għal min jitlob quddiemha.

Jekk din in-nicca kienet sabiħa, daqshekk ieħor kienet l-istatwa ta' l-Assunta b'idha l-leminija mgħollija 'l fuq u bl-oħra fuq sidirha. B'ħarsitha lejn il-lemin il-Madonna kienet qisha tiela tabilħaqq s-sema b'idejha u saqajha mgħollija 'l fuq u akkumpanjata b'numru ta' puttini li jidhru imdawra bis-sħab. Din l-istatwa illum tinsab miżmuma b'għożża kbira fid-dar tas-Sur Innoċenz Camilleri li joqgħod 51 Triq San Basilju.

Ikun xieraq li niċċa u statwa hekk sbieħ, jerġgħu jiġu mibnija mill-ġdid f'post qrib fejn kienet.



**In-Niċċa li kienet teżisti fil-Pjażża tal-Knisja fuq Dar Nru.6**


***Il-Kumitat***

***jixtieq jirringrazzja***
***lil kull min b'xi mod jgħin***
***sabiex dan il-programm***
***jiġi stampat speċjalment***
***lil dawk li***
***jogħġobhom jirriklamaw***
***u lill-qarrejja inheġġuhom jixtru***
***l-prodotti irreklamati***
***fil-programm.***

# Roc~A~Go Crane Services

**CRANE & LIFTING SPECIALISTS**
**24 HOUR TOWING & LIFTING SERVICE**
**USED COMMERCIAL VEHICLES & SPARES**
**CAR BREAKERS**

(Prop. V. MICALLEF)

Tel: 801362
816172

*TAL-BARRANI ROAD, ZEJTUN.*

# JAMES GREEN

## Funeral Service

IRRIKORRU:

'GREEN HOUSE'

ST. CATHERINE STR., QRENDI

Tel: 827791



Is-Sala l-Ġdida waqt il-fażi tal-bini tagħha

# FERĦANIN

**Mużika: Mro. E. Bugeja A.Mus., L.C.M.**
**Versi: Is-Sur Elias Tonna**

F'jum il-Festa mall-Banda miġburin
xjuħ u żgħażagħ magħquda ferħanin
Biex infakkru ġranet mill-aktar sbieħ
Lil Assunta minn qalbna nagħtu ġieħ

Fostna rriduk
Biex inqimuk
Aħna nħobbuk

O Marija gawhra ta' l-Imqabbin
Fik nitgħaxxqu għax biK aħna kburin
Ġejt magħżula biex tkun it-Titular
Int Padruna jixraqlek festi kbar.

# CONCRETE WORKS LTD.

Prop. Paul Cutajar



SUPPLIES OF ALL TYPES OF
CONCRETE MIX
TRANSPORT AND HAULAGE
CONTRACTORS

**VALLETTA RD., GHAXAQ**
**TEL: 800464/5**

FARRUGIA BROS.

CRANE HIRE

For All Kinds
of Work

**"ST. ANNE"**
**VALLETTA, ROAD,**
**MQABBA**

**TEL: 683382**

**ELLUL WOODWORK**
**MQABBA**

GĦAL KULL XORTA TA'
XOGĦOL TA'

APERTURI, GĦAMARA U
KOLONNI TAT-TARAĠ
BI PREZZIJIET MODERATI

**ELLUL WOODWORK**
**Valletta Road, Mqabba.**
**Tel: 683152**

**Martin**
**Monreal**
**IRONMONGERY**

Issibu għall-bejgħ:
***Madum, żebgħa ta' kull kwalità, ħġieġ u ħafna oġġetti utli għall- bini.***

**St. Andrew Street, Żurrieq**

**Tel: 682435**




**BRADKAL** UNISEX **SALON**
*For*
*Haircuts, Blowdrys,*
*Perms, Tints*

146, Cospicua Road, Paola.

Tel:777403

# EGĦLUQ IS-60 SENA MILL-INAWGURAZZJONI TAL-PEDESTAL TAL-FIDDA U L-BRADELLA TA' L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li l-istatwa ta' Santa Marija kien jonqosha dik ix-xi ħaġa biex veru tkun statwa kompluta minn kollox. Għalhekk il-Kumitat ta' dak iż-żmien, flimkien mal-kleru tal-Parroċċa iddeċidew li kellha ssir bradella ġdida kif ukoll pedestall ġdid flok dak ta' l-injam.

